MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 60/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-sindakati esteri operanti bl-isem Octavian at Lloyds kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Mario Pace abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Mario Pace**

**vs**

**Carlo Filiberto Atzori**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"L-ammont mitlub ta' erba' mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm 424.51) jirrapprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur Mario Pace assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' tliet mija u disgha u disghin Lira maltin u

wiehed u hamsin centezmu (Lm 399.51), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira maltin (Lm 25.00) l-istess Mario Pace in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Dicembru 2000 ghall-habta tal-9.30 a.m. gewwa Paola Hill, Paola, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Mario Pace, bin-numru ta' registrazzjoni LAF 139 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni LAF 607, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 2002 u ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta' assikuratrici GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' estera CGU Insurance plc. u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 2002 kontra l-konvenut.

Ra r-risposta:

"Illi it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex ghall-incident in kwistjoni tahti unikament Maria Concetta Pace illi kienet qed issuq il-vettura taghha b'mod traskurat, u negligenti u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif sejjer jigi pruvat dettaljatament waqt il-gbir tal-provi.  Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur."

Sema x-xhieda prodotti mill-partijiet kontendenti u qara d-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra;

Illi l-incident sehh  biswit ir-roundabout  li hemm f'Paola Hill, ir-Rahal il-Gdid.  Madwar din ir-roundabout hemm zewg lanes ghat-traffiku.  Ghalkemm sar road accident report mill-pulizija, skizz ma sarx ghax il-vetturi tnehhew minn fuq il-post mis-sewwieqa nfushom u ghalhekk it-Tribunal huwa svestit minn dan il-mezz importanti ta' prova.  L-anqas ingiebu terzi persuni bhala xhieda okulari tal-incident.  Ghalhekk it-Tribunal ikollu joqghod biss fuq id-deposizzjonijiet taz-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident in kawza kif ukoll il-posizzjoni u l-entita' tal-hsarat subita mill-vetturi rispettivi taghhom.

Illi mhux ikkontestat li  l-car LAF 139 misjuqa minn Maria Concetta Pace, mart l-assikurat mas-socjeta' attrici, garrbet hsara  hafifa fuq il-*left rear door* (ara deposizzjoni tas-sinjura Pace kif ukoll ir-road accident report a fol 42) filwaqt illi l-car LAF 607 misjuqa mill-konvenut Atzori garrbet hsara hafifa fil-*front right indicator u mudguard* (vide fol 42).

Illi Pace tghid li kien bi hsiebha tmur fid-direzzjoni tal-moskeja izda  li  l-habta sehhet waqt li kienet ghadha ddur mar-*roundabout*, fuq il-lane ta' gewwa: *kont ghadni 'l boghod biex naqleb ghal-lane ta' barra*  ( fol 25).  Tghid ukoll li *hu gie fuqi minn wara.*  Hija tghid li meta sehhet il-habta kienet prattikament stazzjonarja billi kien hemm hafna karozzi ilkoll iduru mar-*roundabout.*

Illi Atzori min-naha l-ohra jghid li  mhux veru li Pace kienet ghaddejja bil-mod, anzi li kienet ghaddeja  sparata; li huwa kien ghaddej fuq in-naha tal-lemin, u cioe'  fuq il-karreggjata biswit ir-roundabout (fol 55 u fol 57) u li  Pace giet minn warajh u ssorpassatu min-naha tal-lemin tieghu (fol 52).

Illi minn dawn iz-zewg verzjonijiet it-Tribunal m'ghandu l-ebda esitazzjoni li jemmen dik ta' Pace u jiskarta dik ta' Atzori billi l-verzjoni ta' Pace hija ghal kollox konformi mar-*res gestae* filwaqt li dik ta' Atzori mhix:  il-posizzjoni tad-daqqiet fil-karozzi rispettivi tikkorrobora l-verzjoni ta' Pace;

filwaqt li Atzori nnifsu m'gharafx jispjega kif jekk hu kien qieghed bil-lemin tieghu mar-roundabout, Pace setghet iddeffset u laqtitu fuq in-naha tal-kantuniera tal-*front right*: mistoqsi mill-avukat tieghu stess kif qatt seta' jsehh dan, qal: *non lo so io* (fol 53).

Illi fuq il-*quantum* tad-danni ma kienx hemm kontestazzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo kawza ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu u konsegwentement jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-istess konvenut ghall-hlas ta'  LM424.51 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-15  ta' Frar 2002 u l-imghax legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficcjali sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

--------------------------------TMIEM--------------------------------